# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 299/2012**

Il-Pulizija

(Supt. Martin Bayliss)

vs

**Joseph Cuschieri**

iben Gaetano, imwieled Hamrun fis-27 ta’ Marzu, 1960, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 236660(M)

Illum, 14 ta' Ottubru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Cuschieri, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fuq talba tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni, fil-kwalita' tieghu ta' direttur ta' Group 4 Securitas (Malta) Ltd, ta' Soresen House, D. Cremona Street, G'Mangia, meta nhar il-31 ta' Lulju, 1998, huwa ttermina l-impjieg fuq kuntratt indefinit ta' Louis Duca, Frankie Burlo, Victor Gauci, George Cuschieri, Mario Azzopardi, Stephen Camilleri, Nicholas Vella, Emanuel Baldacchino, Mario Ciantar, Lawrence Zammit, u John Grech, fuq bazi ta' redundancy, naqas illi jtihom avviz ta' temm ta' l-impjieg jew kumpens kif rikjest mill-artikolu 34 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, kif hemm spjegat fil-prospett anness mac-citazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara rat l-artikoli 10, 23, 34 tal-Kapitolu 135 tal-Ligjijiet ta' Malta, u ikkundannat lil Joseph Cuschieri ihallas lil John Bonavia s-somma ta' €512.41; lil Victor Gauci s-somma ta' €1,024.83; lil George Cuschieri s-somma ta' €1,023.90; lil Mario Azzopardi s-somma ta' €1,024.83; lil Stephen Camilleri s-somma ta' €885.96; lil Nicholas Vella s-somma ta' €1,024.83; lil Emanuel Baldacchino s-somma ta' €1,023.90; lil John Grech is-somma ta' €1,024.83. Iilliberatu fil-konfront tal-claimants l-ohrajn ghax ma gewx pruvati.

Rat ukoll l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannatu ghal multa fl-ammont ta' €150.00

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Cuschieri minnu pprezentat fis-6 ta’ Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka u thassar id-digriet tas-26 ta' Frar, 2002 u is-sentenza hawn fuq imsemmija li biha l-esponent gie misjub hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannat ghall-piena ta' multa, u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija, hlas u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) ma ghamlitx analizi legali korretta fuq din il-materja. Wiehed isib insenjament utili dwar dan is-suggett billi jfittex dwar "moving

employees across companies/organisations" jew "transfers of employees between companies within a corporate group". It-trasferiment ta' impjegat jew impjegati minn kumpanija wahda ghal go kumpanija ohra fl-istess Group ma jinvolvix lil ta' l-ewwel fi hlas ta' notice money, aktar u aktar meta l-impjegati gew offruti l-ghazla u fil-fatt ezercitaw dan id-dritt ta' ghazla liberament. Id-digriet tas-26 ta' Frar 2002 huwa zbaljat, u ghalhekk is-sentenza msejsa fuqu hija zbaljata wkoll.

2. Ir-ragunament ta' l-Ewwel Qorti huwa bbazat fuq il-fatt li kull socjeta' kummercjali ghandha personalita' guridika separata u distinta minn ohra. Izda, filwaqt li huwa minnu li z-zewg socjetajiet huma zewg entitajiet kummercjali distinti, il-Group huwa wiehed. Konsegwentement, it-trasferiment tal-impjegati ta' l-ewwel socjeta' ghal mat-tieni socjeta' ghandu n-natura ta' caqlieq u mhux in-natura ta' temm jew terminazzjoni ta' impjieg. Tant hu hekk, illi l-Ewwel Qorti stess iddeskriviet dan bhala "il-mixja ta' l-impjegati minn kumpanija ghal ohra", u dan hu korrett. Min-naha l-ohra, pero', l-esponent ihoss illi l-konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti illi tali mixja "kienet iggib maghha l-obbligu ta' terminazzjoni, allura hlas ta' notice money" hija konkluzjoni zbaljata. Fl-esigenzi kummercjali tad-dinja tal-lum, meta negozju jkun qed jitmexxa permezz ta' Group of Companies, huwa konsentit lill-Group li jisposta u jcaqlaq impjegati minn kumpanija ghal ohra fi hdan il-Group. Izda, sakemm tali caqlieq isir fi hdan il-Group, l-impjieg ma jigix itterminat ghall-finijiet tal-ligi in materja, u ghalhekk ma jsirx hlas ta' notice money. Ezempju: il-Corinthia Group of Companies ikollu bzonn icaqlaq xi waiters jew haddiema ohra minn mal-kumpanija li tmexxi l-Lukanda Corinthia Palace ta' H' Attard ghal mal-kumpanija li tmexxi l-Lukanda Corinthia Marina, u, ftit xhur wara, ghal mal-kumpanija li tmexxi l-lukanda Corinthia San Gorg. Jekk tigi segwita s-sentenza appellata, il-Corinthia Group of Companies ikollu jhallas notice money darbtejn, meta fir-real ta' m'ghandu ghal fejn jithallas l-ebda notice money!

3. Illi skont is-sentenza appellata, "lil dawn l-istess impjegati giet mibghuta lilhom ittra, ezempju ta' wahda a fol. 36, fejn kjarament gie terminat lilhom l-impjieg." B'danakollu, filwaqt li l-ittra ssemmi terminazzjoni u tali kelma mhix wahda felici, fir-realta, anke jekk issemmiet il-kelma "terminazzjoni", ma kienx hemm terminazzjoni fis-sens tal-ligi. Kien il-kaz li "terminazzjoni" tigi interpretata mill-Qorti, kif effettivament interpretata, bhala "mixja ta' l-impjegati". Issa,

filwaqt li l-interpretazzjoni letterarja moghtija mill-Qorti kienet wahda korretta, il-konkluzjoni legali li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti hi zbaljata. F'dan is-sens, is-sentenza appellata hija kontradittorja. Barra minn hekk, gie ppruvat ukoll quddiem l-Ewwel Qorti illi z-zewg kumpaniji kellhom l-istess diretturi u chairman, u dan ghaliex kienu jiffurmaw parti minn Group of Companies. Dan ikompli juri li ma kienx hemm terminazzjoni effettiva izda biss "mixja ta' l-impjegati minn kumpanija ghal ohra" jew trasferiment ta' haddiema. Ray Attard kien CEO tal-kumpanija. Huwa attenda l-Qorti diversi drabi sabiex jaghti x-xiehda tieghu fuq talba tal-imputat izda ma nstemax.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi minn diversi verbali tal-atti ta' dan l-appell jirrizulta li l-impjegati kollha ndikati fil-korp tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati gew imhallsa.

Ghalhekk, hu car li l-appellant ma ghandu ebda interess fl'appell li hu pprezenta quddiem din il-Qorti.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Joseph Cuschieri u tikkonferma s-sentenza appellata.